MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 221/2009

**Mark Schembri & Associates Limited (C 9425)**

**vs**

**Wayne Martin Zahra**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat il-15 ta' Gunju, 2009, li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti sejhet lill-intimat fuq indikat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jirrifondi lis-socjeta' attrici s-somma ta' hdax -il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu, (Euro 11,646.87c), ridotta ai fini tal-kompetenza u rapprezentanti pagament eccessiv effettwat lill-intimat fil-hlas ta' l-ezekuzzjoni tal-kuntratt tat-

twahhil tal-“vinyl” mal-hajt tal-kmamar tal-banju, fl-Isptar Mater Dei, Birkirkara by-pass, Birkirkara;

2. Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra nterpellatorja tal-5 ta’ Gunju 2009 u tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali mill-prezentata ta’ dan ir-rikors;

3. Illi l-intimat hu ngunt personalment ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-intimat Wayne Martin Zahra datata s-16 ta’ Lulju, 2009, li permezz taghha ssottometta s-segwenti:

i. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 1027 tal-Kodici Civili;

ii. Illi minghajr pregudizzju tas-suespost u, fil-mertu, it-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ rikorrenti stante li l-esponenti ma rceva xejn aktar minn dak li kien, skond it-termini tal-ftehim li sar bejn il-kontendenti rigwardanti l-ezekuzzjoni ta’ twahhil ta’ “vinyl” mal-hajt tal-kmamar tal-banju fl-Isptar Mater Dei, dovut;

iii. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat il-verbal datat it-23 ta’ Settembru, 2009, fejn ir-rapprezentant legali tas-socjeta’ rikorrenti nforma lill-qorti diversament preseduta li kien intavola rikors sabiex din il-kawza u kawzi ohrajn jinstemghu mill-istess qorti kif issa preseduta;

Rat id-digriet taghha datat is-7 t’Ottubru, 2009, li permezz tieghu ordnat li l-provi jigu kapovolti biex il-partijiet jindirizzaw l-ewwel eccezzjoni sollevata;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota responsiva tas-socjeta' rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi sentenza ta' natura preliminari limitata ghall-ewwel risposta tal-intimat rigwardanti l-allegata preskrizzjoni;

Illi l-fatti kif esposti mill-intimati f'dan ir-rigward jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi l-intimat jirrizulta li originarjament kien impjegat "part-time" mis-socjeta' rikorrenti u sussegwentement jidher li kien imgieghel mill-istess socjeta' rikorrenti biex jaqleb l-istat tieghu ghal "self-employed";

2. Illi meta l-intimat kien qaleb l-istat tieghu kif indikat fil-paragrafu precedenti, jirrizulta li kien gie mgieghel jaghmel dan flimkien ma' impjegati ohra "part-time" tas-socjeta' rikorrenti – senjatament flimkien ma' Alan Zahra u Frederick Bonello, (ara fol 17);

3. Illi jirrizulta li kemm l-intimat, kif ukoll il-ko-impjegati li varjaw l-istat taghhom kif fuq indikat, ghamlu dan skont il-ligi;

4. Illi dawn baqghu jigu nkarigati ghall-istess xoghol li kienu jaghmlu qabel ma' l-istess socjeta' rikorrenti mill-istess socjeta', u wara li kienu jitterminaw ix-xoghol lilhom assenjat mill-istess socjeta', "foreman" kien ikejjel il-kwantita' ta' xoghol minnhom mahdum u jikkwantifika l-ammont lilhom dovut mis-socjeta' rikorrenti, (ara fol 18);

5. Illi qatt ma kellhom problemi ghal dak li jirrigwardja l-pagamenti lilhom dovuti;

6. Illi jirrizulta li f'Mejju 2007, meta suppost kellu jigi effetwat l-ahhar pagament mis-socjeta' rikorrenti ghax-xoghlijiet de quo, inqala' xi dizgwid, u l-istess haddiema gew infurmati li kien qed jirrizulta li huma kellhom jirrifondu xi ammonti lis-socjeta' rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti kif esposti mis-socjeta' rikorrenti f'dan ir-rigward jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi r-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti jikkonferma li f'perjodu l-intimat Zahra, flimkien ma' l-intimati Alan Zahra, (Avviz Numru 219/09) u Frederick Bonello, (Avviz Numru 220/09), l-ewwel kienu mpjegati tal-istess socjeta' u wara kienu jigu assenjati minnha xoghlijiet bl-imqieta, (ara fol 33);

2. Illi l-pagament dovut ghax-xoghlijiet ezegwiti kien isir bil-quddiem u kien jigi effettwat billi l-kwantitajiet ta' xoghol ezegwit, wara li jigu ivverifikati, jigu mhallsa, (ara fol 33);

3. Illi l-istess xoghlijiet kienu jigu ezaminati mal-"*quantity surveyor*" li kien ukoll jirrikoncilja x-xoghol ezegwit ma' Skanska biex jinhareg ic-certifikat finali;

4. Illi wara li s-socjeta' rikorrenti rceviet il-kontijiet finali l-istess socjeta' rikorrenti sabet li kienet hallset tlett darbiet aktar mill-ammont dovut, (ara fol 34);

5. Illi jidher li s-socjeta' rikorrenti saret taf b'din id-diskrepanza f'Awwissu 2007, (ara fol 34);

6. Illi r-relazzjoni bejn is-socjeta' rikorrenti u l-intimat kienet tajba hafna, (ara fol 35);

7. Illi jidher li l-ahhar pagament effettwat mis-socjeta' rikorrenti lill-intimat, kien datat it-23 t'April, 2007, (ara fol 36);

8. Illi skont is-"surveyor" involut, l-ahhar verifika li saret ma' Skanska saret f'Gunju jew Lulju, 2007, (ara fol 37);

9. Illi meta gew effettwati l-verifiki rigward il-pagamenti effettwati lill-intimat mis-socjeta' rikorrenti, instab li kien hemm problema, (ara fol 38), u li rizultat tal-istess "… ma kienx worth illi taghmel dan ix-xoghol", (ara fol 38);

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu rikjamat mill-intimat jirrigwarda l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni sabiex jintalab lura dak li jkun gie moghti bla ma jmiss, (artikolu 1207 tal-Kap 16);

Illi ghalhekk ir-rekwiziti meqjusa necessarji biex jikkonfiguraw l-effetti indikati fl-imsemmi artikolu huma s-sewgenti:

i. Preskrizzjoni ta' sentejn;

ii. Il-perjodu de quo jibda mill-gurnata li dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-izball;

iii. Inghata xi ammont minghajr ma kien dovut;

Ikkunsidarat:

1. Illi meta s-socjeta' rikorrenti ghamlet il-verifiki fuq il-pagamenti moghtija lill-intimat instab li kien hemm zball stante li meta gie ezaminat il-kejl tax-xoghol involut mas-socjeta' Skanska instab li kien sar pagament t'ammont aktar minn dak verament dovut;

2. Illi dan ir-rizultat saret taf bih is-socjeta' rikorrenti f'Lulju jew f'Awissu tas-sena 2007;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li l-pagamenti effettwati mis-socjeta' rikorrenti lill-intimat odjern, (u lill-intimati l-ohra indikati aktar qabel), jirrizultaw li saru b'mod approssimattiv u qabel ma kienet effettwata l-verifika ndipendenti li minnha effettivament irrizultat id-diskrepanza riskontrata;

Illi dan jirrizulta li sehh fil-perjodu bejn Lulju u Awissu, 2007;

Illi l-kawza odjerna, (kif ukoll il-kawzi l-ohra li fihom huma involuti l-intimati l-ohra fuq indikati), giet intavolata fil-15 ta' Gunju, 2009, (ara Avviz odjern u Avvizi fuq indikati);

Ikkunsidrat:

Illi ghaldaqshekk in vista tal-premess, ma jirrizultax li l-intimati ssodisfaw il-kwezit temporali rikjest mill-artikolu 1027 tal-Kap 16 in dizamina stante li l-perjodu hemm stipulat ma jidhirx li kien superat u li konsegwenza tal-istess, is-socjeta' rikorrenti tidher li ezercitat id-dritt taghha ghall-azzjoni odjerna entro l-perjodu ta' sentejn (2) kif rikjest, u allura agixxiet fit-terminu stabbilit fl-istess artikolu;

Ghaldaqstant, din il-qorti tirrespingi l-ewwel risposta ta' natura preliminari tal-intimat Wayne Martin Zahra bl-ispejjez kontra l-intimat u tordna l-prosegwiment tal-kawza biex jigi determinat il-meritu tal-istess.

Marisa Borg
Dep./Reg

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------